# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 1051/12/1 AF**

**Franco Buttigieg, Maria mart Avukat Michael Borg Costanzi, u Alessandra sive Sandra mart divorzjata ta' Roderick Kirkpatrick**

**v.**

**Anthony Aquilina u Philippa Aquilina, Joseph Bonnici għal kull interess li jista' jkollhom**

**PRELIMINARI:**

1. Permezz ta' din il-kawża l-atturi talbu li jiġi dikjarat li huma l-proprjetarji ta' ċirka 13-il tomna mir-raba' ta' Ramazzetta kuntrada Ta' Srina, limiti ta' Casal Żebbuġ, soġġetta għal piż annwu u perpetwu ta' €5.24 impost fuqha minn Dun Pietro Paolo Debono bit-testment tiegħu tal-1920; u li l-pussess tagħhom tal-għalqa in kwistjoni huwa aħjar minn

dak tal-konvenuti stante li huma wirtu l-proprjeta` mingħand l-ante kawża minnhom u l-imsemmija art hija reġistrata mar-Reġistratur tal-Artijiet u hija proprjetà tagħhom.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-27 ta' Frar 2020, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Joseph Bonnici u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Philippa u Anthony Aquilina u laqgħet it-talbiet attriċi kif dedotti, bl-ispejjeż tal-kawża għall-konvenuti Philippa u Anthony Aquilina, b'dan li l-ispejjeż tal-konvenut Joseph Bonnici għandhom jitħallsu mill-atturi.

3. Il-konvenuti Anthony Aquilina (ID0279070M) u ommu Philippa Aquilina (ID348947M) ħassewhom aggravati b'tali deċiżjoni u għalhekk fit-13 ta' Marzu 2020 interponew appell minnha quddiem din il-Qorti fejn talbuha tirrevokaha "*u filwaqt li tiċħad it-talbiet atturi tillibera lill-appellanti.*"

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell qiegħda tiġi riprodotta s-sentenza appellata:

> "Il-Qorti:
>
> Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:
>
> Ir-rikorrenti huma proprjetarji ta' cirka tlettax-il tomna mir-raba Ta' Ramazzetta kuntrada Ta' Srina limiti ta' Casal Zebbug, konfinanti mill-Punent ma' sqaq, mit-Tramuntana ma' beni tal-eredi tas-Sacerdot Dun Pietro Paolo Debono u minn Nofsinhar ma' triq pubblika, kif soggetta ghal piz piju annwu u perpetwu ta' Euro 5.24c impost fuqha mis-Sacerdot Dun Pietro Paolo Debono bit-testment tieghu in atti tan-

Nutar Salvatore Borg Olivier tala-20 ta' Marzu 1920.

B'kuntratt tat-12 ta' Mejju 1960 fl-atti tan-Nutar Dottor John Micallef Trigona l-antekawza taghhom Salvatore Giovanni Buttigieg (ossia z-ziju tal-mejjet missierhom Perit Rene Buttigieg) akkwista minghand iz-zijiet materni tieghu Giuseppina u Cecilia xebbiet Debono Preziosi l-proprjetà in kwistjoni u dan skond kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dokument A.

Salvatore Giovanni Buttigieg miet fil-25 ta' Gunju 1965 u l-wirt tieghu ddevolva b'testment fl-atti tan-Nutar G. Sammut tat-13 ta' Dicembru 1964 u l-wirt tieghu gie denunzjat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fis-26 ta' Jannar 1966 skond denunzja numru 18/1966 skond Dokument B hawn anness.

Il-wirt tieghu ddevolva fuq it-tlett neputijiet tieghu l-Perit Rinaldo sive Rene Buttigieg, Gaston Buttigieg u Maronna mart Perit Victor Calleja. B'kuntratt ta' divizjoni tas-7 ta' Ottubru 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha, l-proprjetà in kwistjoni messet lil Perit Rinaldo sive Rene Buttigieg u dan skond Dokument C hawn anness.

Il-Perit Rene Buttigieg miet fis-7 ta' Settembru 2006 skond certifikat tal-mewt registrat fir-Registru Pubbliku hawn anness u mmarkat bhala Dokument D.

Il-wirt tieghu ddevolva fuq l-atturi b'testment fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja tal-10 ta' Awwissu 2006 u d-dikjarazzjoni 'causa mortis' mill-atturi rigwardanti l-proprjetà tad-decujus Perit Rene Buttigieg saret u giet iddikjarata b'kuntratt tal-4 ta' Settembru 2007 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja.

Meta l-Perit Rene Buttigieg u hutu, wara li wirtu l-proprjetà in kwistjoni, bi skrittura tad-19 ta' Settembru 1983 ftehmu mal-inkwilin konvenut Bonnici illi l-qbiela in kwistjoni tar-raba msejjah Ta' Ramazzetta limiti ta' Haz-Zebbug jigi mdawwar fuq ismu u dan skond Dokument E hawn anness.

Ir-raba in kwistjoni kienet mqabbla lill-mejta genituri tieghu Francis u Carmela Borg u qabilha lil Antonio Buhagiar u qablu lil Paolo Buhagiar. Il-mejta Carmela Borg kienet tigi n-neputija ta' Antonio Buhagiar maghruf bhala Ta' Marcikka kif jirrizulta mill-istess Dokument E.

Skond il-kuntratt tat-12 ta' Mejju 1960 fl-atti tan-Nutar Dottor John Micallef Trigona jirrizulta illi l-proprjetà in kwistjoni meta giet akkwistata mill-antekawza tal-atturi ossia Salvatore Giovanni Buttigieg l-art in kwistjoni kienet imqabbla dak iz-zmien lil Paolo Buhagiar maghruf bhala Ta' Marcikka.

Ir-rikorrenti kienu jircievu qbiela minghand il-konvenut Joseph Bonnici

ta' Lm7.50c ekwivalenti ghal Euro 17.47c ghall-art kollha fuq imsemmija kif jirrizulta mill-libro ta' amministrazzjoni tal-istess familja li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument F u qablu minghand Antonio Buhagiar u qablu Paolo Buhagiar.

L-estensjoni tal-proprjetà in kwistjoni hija registrata mar-Registratur tal-Artijiet f'isem il-Perit Rinaldo sive Rene Buttigieg fir-Registru tal-Artijiet referenza numru LRA 226/95 skond numru tal-proprjetà 07001189 skond applikazzjoni numru 199613449M.

B'kawza pendenti quddiem il-Bord li jirregola l-Qbiela tar-Raba, rikors numru 8/2002 fl-ismijiet "Perit Arkitett Rene Buttigieg vs Joseph Bonnici" differita ghat-tkomplija tas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012 il-kompjant Perit Rene Buttigieg talab l-izgumbrament mill-istess raba tal-art in kwistjoni minn idejn l-intimat Joseph Bonnici ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Waqt il-kors tas-smigh tax-xhieda tal-kawza hawn fuq riferita, l-intimat Anthony Aquilina xehed illi cirka sebat'itmiem mir-raba in kwsitjoni hija proprjetà tal-familja tieghu li ilha fil-pussess taghhom ghal iktar minn hamsin sena u jippretendu illi parti mill-art in kontestazzjoni allura hija proprjetà taghhom.

L-art in kwistjoni dejjem kienet irregistrata mad-Dipartiment tal-Agrikoltura bhala proprjetà tal-antekawza tal-atturi u li kienet imqabbla lil Paolo Buhagiar u sussegwentement lil Antonio Buhagiar.

B'ittra ufficcjali tat-3 ta' Lulju 2012 skond Dokument G l-atturi interpellaw lill-intimati Aquilina biex jiddesistu milli jkomplu jippretendu li l-proprjetà in kwistjoni hija proprjetà taghhom u ghalhekk huma m'ghandhom ebda titolu ta' proprjetà fuq l-art in kwistjoni.

L-intimati Aquilina b'ittra ufficcjali tas-6 ta' Lulju 2012 jippretendu li r-raba in kwistjoni ilha fil-pussess taghhom ghal iktar minn hamsin sena u li dejjem kellhom pussess liberu u frank ta' sebat itmiem mir-raba in kwistjoni u ghalhekk jippretendu li ghandhom titolu fuq l-istess art.

Peress l-atturi u/jew l-antekawza minnhom huma proprjetarji tal-art in kwistjoni u l-art in kwistjoni kienet dejjem imqabbla lil Paolo Buhagiar u sussegwentement lil Antonio Buhagiar u illum lil Joseph Bonnici.

Peress illi l-pussess tal-atturi huwa ahjar mill-pussess tal-konvenuti stante li huma akkwistaw din il-proprjetà 'causa mortis' bit-testmenti u kuntratti fuq riferiti kif ukoll stante li din l-art in kwistjoni hija registrata f'isimhom mar-Registratur tal-Artijiet.

Peress hadd qatt qabel ix-xhieda moghtija minn Anthony Aquilina quddiem il-Bord li Jirregola l-Qbiela tar-Raba, rikors numru 8/2002 fl-ismijiet "Perit Arkitett Rene Buttigieg vs Joseph Bonnici" differita ghat-tkomplija tas-smigh tas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012 ma

ddisturbahom fil-pussess tat-titolu taghhom stante illi huma dejjem kien minghalihom illi Joseph Bonnici qed jahdem ir-raba proprjetà taghhom fl-intier taghha ta' cirka tlettax-il tomna.

Peress illi l-intimati Aquilina issa qed jippretendu li huma proprjetarji ta' parti mill-ghalqa in kwistjoni meta din kienet parti integrali mill-qbiela tar-raba lokata lil Paolo u Antonio Buhagiar u llum lil Joseph Bonnici.

Peress jirrizulta illi l-intimati huma pparentati mal-mejta Paolo u Antonio Buhagiar u li dejjem zammew il-proprjetà bi qbiela u ghalhekk huma ma jistghu qatt jippretendu illi jippreskrivu kontra t-titolu originali taghhom.

Konsegwentement jinhtieg li jigi ddikjarat u deciz illi l-proprjetà kollha ta' cirka tlettax-il tomna imsejha Ta' Ramazzetta sive Ta' Srina fil-limiti ta' Haz-Zebbug kif fuq deskritta hija proprjetà assoluta tal-atturi u mhux tal-intimati stante illi t-titolu taghhom huwa ahjar minn dak tal-intimati.

Ghalhekk meta ssir din il-kawza stante illi c-cessjoni tal-qbiela tar-raba in kwistjoni minn Joseph Bonnici jew l-antekawza minnu fuq Anthony Aquilina et u/jew l-antekawza minnu kienet abbuziva u llegali u ma tistax tirrendi titolu ta' proprjetà favur l-intimati Aquilina.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi huma proprjetarji ta' cirka tlettax-il tomna mir-raba Ta' Ramazzetta kuntrada Ta' Srina limiti ta' Casal Zebbug, konfinanti mill-Punent ma' sqaq, mit-Tramuntana ma' beni tal-eredi tas-Sacerdot Dun Pietro Paolo Debono u minn Nofsinhar ma' triq pubblika, kif soggetta ghal piz piju annwu u perpetwu ta' Euro 5.24c impost fuqha mis-Sacerdot Dun Pietro Paolo Debono bit-testment tieghu in atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier tal-20 ta' Marzu 1920.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-pussess tal-ghalqa in kwistjoni tal-atturi huwa ahjar minn dak tal-konvenuti stante illi l-atturi wirtu l-istess proprjetà minghand l-antekawza minnhom u l-imsemmija art hija registrata mar-Registratur tal-Artijiet u hija proprjetà taghhom.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-3 ta' Lulju 2012 u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Anthony Aquilina u Philippa Aquilina li permezz tagħha eċċepew illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta

ampjament waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza stante illi mhuwiex minnu illi l-atturi ghandhom titolu fuq l-imsemmija art ta' cirka sebat itmiem, ahjar minn dak tal-intimati.

L-art imqabbla lil Joseph Bonnici u l-antekawza tieghu qatt ma kienet dik l-art ta' cirka sebat'itmiem li dejjem ikkoltivat l-intimata zewgha u uliedha u qabilha kien jahdimha missierha il-mejjet Emmanuel Mizzi.

Kif premess l-intimati irrispondew ghat-talbiet attrici permezz ta' ittra ufficcjali datata sitta (6) ta' Lulju 2012 hawn esibita Dokument AA1 fejn kjarament informaw lill-atturi sabiex jivverifikaw sewwa l-pretenzjonijiet erronji taghhom stante illi l-art in kwistjoni qatt ma kienet riferuta bhala Ta' Ramazzetta u anke min verifiki sia fid-Dipartiment tal-Agrikoltura u sia fir-Registru tal-Artijiet (1904) ma hemm ebda riskontru tar-raba maghurf bhala Ta' Ramazzetta.

L-akkwizzizzjoni preskrittiva tal-uzu u l-hidma fuq l-imsemmija raba hija titolu validu fil-ligi u l-atturi ma jistghux jikkontestaw tali titolu.

Stante illi r-raba tal-intimata certament mhux ir-raba in kwistjoni u wisq anqas raba li kien u ghadu imqabbel lil Joseph Bonnici liema raba jinstab fi hbula il-fuq mill-imsemmija raba tal-intimati, u a vicenda hadd inkluz l-antekawza tal-atturi qatt ma ddisturbahom fit-tgawdija u l-pussess tal-imsemmija sebat'itmiem prorpjetà tal-intimati sal-gurnata tal-prezentata tal-ittra ufficcjali tat-3 ta' Lulju 2012 Dokument G.

Hemm diskrepanza sija fir-referenza ghall-imsemmija raba tal-intimati u sija fil-kuntratti esibiti stante illi r-raba jigi riferit bhala Ta' Ramazzetta meta l-pjanti ma jirriskontraw ebda riferenza ghall-imsemmi artijiet, di più jissemma raba Ta' Srina u anke tal-Gharbi li jkompli jxejjen il-pretenzjonijiet attrici u jinnebula ferm it-titolu minnhom ivvantat ghal dak li jirrigwardja s-sebat tomniet proprjetà tal-intimati.

L-intimati certament mhux veru li huma parentali ma' Paolo u Antonio Buhagiar u jikkonfermaw li qatt ma hallsu ebda qbiela ghar-raba fil-pussess taghhom u ghalhekk huma intitolati jippreskrivu favur taghhom stante trapass ta' aktar minn hamsin sena fil-pussess u hidma tar-raba.

Ghaldaqstant certament din il-Qorti:

a. Ma ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija art ta' cirka sebat'itmiem gewwa Ta' Srina, limiti ta' Haz-Zebbug tifforma parti mit-tlettax-il tomna li jivvantaw it-titolu fuqhom l-atturi.

b. Konsegwentement jsegwi illi kull titolu issa vvantat mill-atturi certament mhuwiex titolu ahjar minn dak tal-intimati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Joseph Bonnici li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet attrici in kwantu diretti lejn l-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhux il-legittimu kontradittur ghal pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Fil-mertu t-talbiet attrici kif diretti fil-konfront tal-esponent ma jaghmlux stat fil-konfront tieghu u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li qatt ma avvanza u/jew ivvanta xi dritt identiku u/jew in sostituzzjoni ghal dak li r-rikorrenti qeghdin jippretendu ghalihom.

Ex-admissis mill-istess rikorrenti l-esponent huwa sempliciment il-gabillott li jahdem parti mill-ghalqa vantata mir-rikorrenti.

Tant dana jafuh ben tajjeb l-istess rikorrenti illi bejniethom hemm pendenti kawza quddiem il-Bord li Jirregola Kiri ta' Raba in vista tan-natura lokatizja kontrattwali tar-relazzjoni ezistenti bejniethom.

L-inkluzjoni tal-esponent f'dawn il-proceduri hija frivola u vessatorja fil-konfront tieghu, superfluwa ghall-integrità tal-gudizzju u ghalhekk ghandu jigi estromess mill-istess proceduri a spejjez tal-istess rikorrenti.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici fil-konfront tal-intimat ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha taghhom u ma ghandu ibati l-ebda spejjez.

Salv risposti ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża bbażata fuq l-aħjar pussess fejn l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li huma s-sidien tal-art ta' cirka tlettax-il tomna mir-raba' "Ta Ramazzetta", kuntrada Ta' Srina, limiti ta' Żebbuġ, kif ukoll li l-pussess tagħhom tal-għalqa in kwistjoni huwa aħjar minn dak tal-konvenuti.

Da parti tagħhom, il-konvenuti Philippa Aquilina u binha Anthony Aquilina jeċċepixxu li r-raba' ta' cirka sebat itmiem li jaħdmu huma ma tagħmilx parti mill-art tal-atturi, kif ukoll il-preskrizzjoni trentennali a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kapitolu 16.

Il-konvenut Joseph Bonnici jeċċepixxi li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi stante li huwa qatt ma vvanta xi pretensjonijiet fuq l-art ħlief bħala l-gabillott rikonoxxut li jaħdem l-art b'titolu ta' qbiela. Skont l-artikolu 524(1) tal-Kap. 16:

> "il-pussess huwa d-detenzjoni ta' ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li tagħhom tista' tinkiseb il-proprjetà, u li wieħed iżomm jew jeżerċitah bħala tiegħu nnifsu."

Detenzjoni ta' ħaġa korporali, f'dan il-każ ir-raba' de quo, timporta kjarament il-fatt fiżiku u materjali tal-pussess. Mhux kontestat li dan igawduh il-konvenuti. In tema possessorja allura, l-atturi jistgħu jippretendu li għandhom il-pussess ta' *'tgawdija ta' jedd li tiegħu setgħet tinkiseb il-proprjetà.'*

L-atturi qegħdin jallegaw pussess legali u allura jridu jippruvaw it-titolu tagħhom li jagħtihom dak il-pussess legali fuq l-art in kwistjoni, stante li l-oneru tal-prova tat-titolu li jikkrea ċertezza morali f'għajnejn il-Qorti jispetta lilhom. Il-pussess legali f'dan il-kuntest jimporta titolu ta' xi xorta fuq ir-raba' li jintitolahom li jippossjedu kemm personalment kif ukoll permezz ta' min kien u min għadu jippossjedi tramite titolu minn għandhom.

Mill-atti jirriżulta li permezz ta' kuntratt tat-12 ta' Mejju 1960 fl-atti tan-Nutar Dottor John Micallef Trigona, Salvatore Giovanni Buttigieg akkwista mingħand iz-zijiet materni tiegħu Giuseppina u Cecelia xebbiet Debono Preziosi '*żewġ terzi indiviżi in proprieta u l-usufrutt ta' terz indiviż tal-clausura denominata 'Tar-Ramazzetta' kontrada Ta' Srina, limiti ta' Casal Żebbuġ, tal-kejl superfiċjali ta' ċirca erbatax-il tomna u confinanti mill-Punent ma sqaq, mit-Tramuntana mal-beni tal-eredi tas-saċerdot Dun Pietro Paolo Debono u minn Nofsinhar ma' triq pubblika...'* Huwa wiret ir-rimanenti terz indiviż ta' din l-art mingħand zija oħra li kien jisimha Mary Debono Preziosi.

Salvatore Giovanni Buttigieg miet fil-25 ta' Ġunju 1965 u l-wirt tiegħu ddevolva fuq it-tlett neputijiet tiegħu l-Perit Rinaldo sive Rene Buttigieg, Gaston Buttigieg u Maronna mart il-Perit Victor Calleja. B'kuntratt ta' diviżjoni tas-7 ta' Ottubru 1994, l-art in kwistjoni messet lill-Perit Buttigieg li miet fis-7 ta' Settembru 2006. Il-wirt tiegħu ddevolva fuq l-atturi. Din l-art hija reġistrata mar-Reġistratur tal-Artijiet f'isem l-imsemmi Perit Buttigieg.

Din l-art kienet imqabbla kollha kemm hi lil ċertu Paolo Buhagiar. Wara li miet, il-qbiela għaddiet f'isem uliedu Antonio u Joseph Buhagiar. Skont il-konvenut Joseph Bonnici, peress illi ktieb tal-kera kien hemm wieħed biss, dan żammu Antonio Buhagiar iżda l-aħwa Buhagiar kienu qasmu l-art bejniethom u ma kienux jaħdmu r-raba' ta' xulxin.

Meta miet Antonio Buhagiar, l-art li kien jaħdem hu beda jaħdimha n-neputi tiegħu l-konvenut Joseph Bonnici u permezz ta' skrittura tad-

19 ta' Settembru 1983, l-aħwa Buttigieg, l-antekawża tal-atturi, irrikonoxxew lil Joseph Bonnici bħala l-inkwilin tar-raba' 'Ta' Ramazzetta' bil-kera ta' Lm7.50 fis-sena. Madanakollu, il-konvenut Bonnici jinsisti li s-sidien dejjem kienu jafu li huwa jaħdem biss parti mill-art u li l-parti l-oħra kien jaħdimha Joseph Buhagiar li fil-fatt kien iħallsu ta' sehemu tal-qbiela biex imbagħad il-konvenut iħallas lis-sidien, peress li ktieb tal-kera kien baqa' wieħed. Jidher li meta miet Joseph Buhagiar, sehemu tal-qbiela baqgħet titħallas lill-konvenut Bonnici minn uliedu iżda dawn waqfu jħallsu ftit qabel ma ġiet intavolata l-kawża stante li qatt ma kellhom interess f'din l-art. Skont l-istess Joseph Bonnici, il-konvenuti Aquilina qegħdin jokkupaw dik il-parti tal-art li fil-passat kien jaħdem Joseph Buhagiar u li lill-familja Aquilina kien ilu jarahom fuq din ir-raba' mis-sena 1997.

Minkejja li f'dan il-każ il-partijiet ma talbux perizja teknika, il-Qorti hija moralment konvinta mit-titolu tal-atturi fuq ir-raba' de quo, illum okkupata mill-konvenuti Aquilina. Skont il-kuntratt tal-1960 li permezz tiegħu Salvatore Buttigieg akkwista l-art "Ta' Ramazzetta", din l-art tikkonfina mill-Punent ma' sqaq, mit-Tramuntana ma' beni ta' terzi u minn Nofsinhar ma' triq pubblika. Dan l-isqaq fil-fatt jidher fuq il-pjanti li jinsabu fl-atti (kif tidher ukoll it-triq pubblika li tikkonfina l-art minn Nofsinhar) u jmiss proprju mar-raba' mertu tal-kawża u ma hemm l-ebda sqaq ieħor li jikkonfina din ir-raba'.

It-titolu tal-atturi huwa korroborat mill-informazzjoni li għandu d-Dipartiment tal-Agrikoltura in kwantu li x-xhud Alan Agius spjega li skont ir-records tad-Dipartiment, is-sidien tal-art kienu 'sisters Debono Preziosi' filwaqt illi l-gabillotti reġistrati li jaħdmuha kienu Antonio Buhagiar u warajh il-konvenut Bonnici.

Il-konvenuti Aquilina u x-xhieda tagħhom jikkontendu li qatt ma semgħu l-isem "Ta' Ramazzetta" imma fil-fehma tal-Qorti dan mhuwiex xi fattur deċisiv li juri li l-art mhijiex dik tal-atturi ladarba l-art hija ben identifikata mill-kuntratti u pjanti esibiti.

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi r-raba' li qiegħda għandhom ma tagħmilx parti minn dik l-art li akkwista Salvatore Giuseppe Buttigieg qiegħda tiġi miċħuda. Il-konvenuti Aquilina imbagħad jeċċepixxu l-preskrizzjoni ta' tletin sena a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16 li jaqra hekk:

> *"L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi."*

Il-preskrizzjoni ta' tletin sena ma tirrikjedix la titolu u lanqas buona fede iżda biss pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku (artikolu 2107(1) tal-Kap. 16) u dan għaż-żmien ta' tletin sena.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Coleiro Brothers Limited vs Karmenu Sciberras, deċiża fit-13 ta' Frar 2014, saret analażi dettaljata tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16.

Intqal hekk:

*"Il-Qorti taghmel referenza ghall-principji enuncjati fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/PS) tas-27 ta' Gunju 2003 fil-kawza "Salvino Testaferrata Moroni Viani et v. Francis Montanaro" fosthom illi l-preskrizzjoni tista` tkun kemm akkwizittiva kif ukoll estintiva, kif ukoll illi l-azzjoni tal-proprjetarju biex jiehu dak li huwa tieghu ma tistax tigi opposta b`semplici preskrizzjoni estintiva, izda biss b`dik akkwizittiva, konsistenti fil-pussess mill-eccipjent. Il-preskrizzjoni tat-tletin sena ma tirrikjedi la titolu u lanqas buona fede.*

*…Biex il-pussess jista` jitqies legittimu huwa mehtieg li jkun kontinwu, mhux interrott, pubbliku u mhux ekwivoku (ara : "Nazzareno Fenech vs Mada Developers Ltd et" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fis-16 ta` Dicembru 2004 ; "It-Tabib Dr Carmel Apap Bologna Sciberras Amico Inguanez v. Emanuel Sammut" deciza minn din il-Qorti (PA/PS) fit-28 ta` Marzu 2003; "Borg v. Farrugia noe et" – Kollez. Vol. XLI.I.168). Min jeccepixxi l-preskrizzjoni akkwizittiva ghandu jipprova mhux biss il-pussess imma anke illi dak il-pussess kien minghajr interruzzjoni ghaz-zmien kollu ta' tletin sena."*

*Hekk ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta` Dicembru, 2011 Citazzjoni Numru. 325/2004 fl-ismijiet Emanuel Farrugia et kontra Mary Doris Veneziani et:*

*"In succint, il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali tippresupponi pussess legittimu ta' tletin (30) sena. Huwa pussess civili li ghandu jkun materjali u intenzjonali, jigifieri l-animus tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien proprjetarju. Minbarra dan, il-pussess necessarju ghal din it-tip ta' preskrizzjoni jrid ikun ukoll wiehed legittimu jigifieri kontinwu, mhux interrott, pubbliku u mhux ekwivoku.*

*Dwar il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-13 ta' Marzu 1953 fil-kawza "Caruana et vs Vella" (Vol.XXXVII.I.105) qalet hekk –*

*Illi però kif intqal ghall-effacija taghha bhala akkwizittiva, din il-preskrizzjoni tippresupponi l-pussess legittimu li trid il-ligi ghaz-zmien kollu tat-trentennju. Hu maghruf illi l-elementi tal-pussess civili huma tnejn, dak materjali, il-poter ta` fatt fuq il-haga, u l-iehor intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-propjetarju taghha – animus et corpus; corpus possessionis et animus possidendi vel animus domini. Ghalhekk mhux pussess civili dak li jonqos fih wiehed jew l-iehor minn dawn iz-zewg elementi b'mod li mhijiex bizzejjed id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprija imma bhala haga ta` haddiehor ghax allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja ... Hu elementari li lil min jallega l-preskrizzjoni trentennali ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta` titolu jew ta' bona fede ... Dan il-pussess b'ligi ghandu jkun kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. (ara wkoll – "Azzopardi vs*

*Farrugia" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Novembru 1962 – Vol XLVI.I.361).*

*Fis-sentenza tat-28 ta' Mejju 2010 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fil-kawza "Farrugia et vs Cassar et" [AE] kienet citata silta minn sentenza tat-Tieni Sezzjoni Civili ta' l-Corte di Cassazione tal-Italja moghtija fit-18 ta` April 2003 fejn kien inghad hekk –*

*"il possesso ad usucapionem dei beni immobili deve essere non solo continuato, ininterrotto e pacifico, ma anche pubblico ed esercitato coscientemente, nel senso, cioè, che deve concretarsi in un potere che si manifesti attraverso fatti e comportamenti, in una attività intenzionale del possessore, corrispondente all`esercizio di un diritto dominicale sull`immobile (o di altro diritto reale di godimento sullo stesso.*

*Il-Qorti ta` Ghawdex imbaghad kompliet –*

*Il-possessur irid ikun wera li qieghed jagixxi bl-animus rem sibi habendi, cjoe` l-intenzjoni li qieghed jagixxi bhala l-proprjetarju esklussiv tal-haga. L-atturi qeghdin isostnu l-pretensjoni taghhom ghall-fini tat-talbiet fuq il-preskrizzjoni akkwizitiva trigenarja bil-pussess taghhom tal-art in kwistjoni `animo domini`. Din l-ghamla ta` preskrizzjoni ma tirrikjedix la titolu u lanqas bona fides. Ghalhekk bis-semplici pussess legittimu ta` tletin sena l-possessur tal-haga jakkwista l-proprjetà ta` l-istess haga posseduta minnu.*

*Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Lulju 2004 fil-kawza "Pace vs Abela" (konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta` Settembru 2011) din il-Qorti diversament presjeduta (PA/LFS) qalet hekk –*

*Fil-kaz tal-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali ma hemmx bzonn il-"giusto titolo" u lanqas il-"buona fede" minhabba l-elementi tat-trapass taz-zmien u dak tal-pussess. Biex il-pussess trentennali jaghti lok ghall-uzukapjoni, hemm bzonn li ma jkunx ekwivoku, u li jkun"animo domini ... l-bona fede ma hix eskluza bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-haga kienet ta` haddiehor ghax hu bizzejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir il-proprjetarju tal-haga. Imma l-pussess ta` tletin sena jrid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku.*

*Ir-rinunzja ghall-uzukapjoni bhala `causa acquisitionis` tista` tkun tacita, cioe` deducibbli mill-fatt li jimplika l-abbandun tal-jedd akkwistat, u d-dikjarazzjoni tal-preskrivent fis-sens li l-haga mhix tieghu, timplika rinunzja tacita ghad-dritt akkwistat minnu bl-uzukapjoni" (Vol. XXXV P I p 105) u dan kif ikkonfermata fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet "It-Tabib Dr. Carmel Apap Bologna Sciberras d`Amico Inguanez vs Emanuel Sammut" deciza fit-28 ta` Marzu, 2003.*

*Il-ligi tikkwalifika l-kwalita` ta` l-pussess li jrid iwassal ghall-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali. Fis-sentenza taghha tat-2 ta` Marzu 1963 fil-kawza "Spiteri vs Saliba" (Vol. XLVI,I.149) il-Qorti tal-Appell qalet li l-possesso dev`essere una manifestazione esteriore e visibile del fatto che si pretende di acquistare.*

> *Ricci fid-Diritto Civile jsostni li mhux bizzejjed li l-possessur jallega li kellu l-animo domini u jieqaf hemm ... ma esige che esso si trova in tal condizione, in rapporto al suo possesso, che questo apparisca esternamente un vero possesso in nome proprio, non gia` detenzione della cosa in nome altrui. Ghalhekk sabiex il-pussess ikun tassew legittimu, irid ikun kif imfisser fl-Art. 561 tal-Kap.16. u cioe` irid ikun hemm it-tgawdija ta` jedd li wiehed izomm jew jezercita bhala tieghu innifsu u allura ezercizzju ta` jedd assolut u esklussiv. Mhux bizzejjed li dak l-ezercizzju ikun bil-buona grazzja jew tolleranza (ara Vol. XXXV P II p 341; "Fenech vs Aquilina" – Prim`Awla tal-Qorti Civili - 18 ta` Ottubru 1984 u "Manfre` vs Spiteri Maempel et", Appell Civili, 24 ta` April 1989). Atti ta` mera tolleranza ma jistghux jiswew bhala bazi ta` pussess lanqas jekk jigu ezercitati minn zmien antikissimu u immemorabbli ("Fenech et vs Salomone et", Appell Civili, 1 ta` Frar 1971). Josserva Laurent (Diritto Civile, Vol. XXXII, para. 297) - "colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi puo ritirare da un` istante all` altro."*
>
> *Dan jinghad ghaliex persuna li zzomm il-haga f`isem haddiehor jew il-werrieta taghha ma tistax tippreveskrivi favur taghha stess. Fost dawn il-persuni hemm il-kerrejja, id-depozitarji u l-uzufruttwarji. Ghalkemm il-pussess jehtieg li jkun kontinwu u mhux miksur ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, l-attur fil-prova tal-kontinwità ghandu l-ghajnuna ta` prezunzjonijiet iuris tantum, bhal ma hi dik probatis extremis media præsumuntur, li tohrog mill-Art. 529 tal-Kap.16. – Mill-pussess attwali ma titnissilx prezunzjoni ta` pussess fl-imghoddi, hlief jekk il-pussessur ikollu titolu; f`dan il-kaz, jekk ma jigix ippruvat il-kuntrarju, jinghadd li hu kien fil-pussess mid-data tat-titolu. Inoltre l-possessur li qed jivvanta l-akkwist tramite l-uzukapjoni m`ghandux ghalfejn juri li kien f` kuntatt kostanti ma` l-oggett in kwistjoni. Baudry Lancantinerie jghidu hekk - "...non e` necessario che il possessore sia stato in contatto costante con la cosa...."'*

Fir-rigward tal-parti tal-eċċezzjoni tagħhom illi biha jeċċepixxu li ħadd qabel ma ppretenda drittijiet fuq ir-raba' in kwistjoni, għandu jingħad illi huwa prinċipju stabbilit li l-proprjetà hija dritt impreskrivibbli u s-sid għandu kull jedd li f'kull żmien iressaq kawża sabiex jirkupra ħwejġu, b'dan illi jibqa' salv u impreġudikat l-effett tal-akkwist tal-proprjetà minn terz permezz tal-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin sena.

Huwa paċifiku wkoll illi l-proprjetà ma tintilifx bin-nuqqas ta' użu da parti tas-sid. Tintilef invece jekk ħaddieħor jieħu pussess tagħha u jeżerċita jedd fuqha għaż-żmien kollu stabbilit mill-liġi u skont il-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti mill-artikolu 2107 tal-Kap. 16. Jispetta għalhekk lit-terz, f'dan il-każ il-konvenuti, l-oneru li jippruvaw ir-rekwiżiti kollha tax-xorta ta' akkwist vantant minnhom (Salvino Testaferrata Moroni Viani vs Francis Montanaro, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis27 ta' Ġunju 2003).

Fl-isfond ta' din il-ġurisprudenza, imiss illi l-Qorti tqis il-pussess vantat mill-konvenuti Aquilina. Jidher li l-konvenuti qegħdin jistrieħu fuq l-artikolu 530(1) li jipprovdi li l-pussess jissokta b'jedd fil-persuna tas-suċċessur b'titolu universali. Madanakollu, dan il-provvediment isib

applikazzjoni biss jekk ikun hemm il-prova ċerta, univoka u ġuridikament korretta illi l-persuna li tigi mill-werriet suċċedut – f'dan il-kaz missier il-konvenuta u żewġha Philip Aquilina – verament kellhom il-pussess tar-raba'.

Il-konvenuti ressqu xhieda ta' gabillotti tal-inħawi u familjari oħra li xehdu li huma dejjem lil 'ta' Aquilina' raw fuq din l-art. Madanakollu fir-rigward ta' missier il-konvenuta, ix-xhieda qalu sempliċiment li Leli Mizzi kien imur jonsob fir-raba' de quo u l-konvenuti ma ġabu l-ebda prova li huwa qatt għamel xi att ta' dominju fuq din l-art.

Il-konvenuti jikkontendu li meta l-konvenuta żżewġet lill-Philip Aquilina, illum mejjet, dawn bdew jaħdmu l-art flimkien u li meta kibru l-konvenut u ħutu huma komplew jaħdmu r-raba' mal-ġenituri tagħhom b'dan illi għadhom jaħdmuha sal-lum. Iżda fil-fehma tal-Qorti, il-konvenuti ma wrewx illi l-konvenuta u Philip Aquilina kellhom il-pussess li titlob il-liġi u ġurisprudenza sabiex jippreskrivu favur tagħhom, liema pussess kellu jmur lura sas-sena 1982, ladarba din il-kawża saret fl-2012.

Din il-Qorti tqis illi ma ġiex muri li effettivament il-familja Aquilina kienu jaħdmu din ir-raba' jew għamlu xi att ta' dominju fuqha qabel ma daħlu fix-xena l-konvenut u ħutu. Fil-fatt, l-ebda wieħed mir-ritratti eżebiti mill-konvenuti ma jmur lura tletin sena għaliex il-konvenut jispjega li l-camera li biha kien ħa dawn ir-ritratti biss biss inxtrat fl-1990.

Skont ix-xhud Salvu Mizzi, ħu l-konvenuta, Philip Aquilina kien beda jnaddaf u jaħdem xi ftit l-art u jirranġa xi ħajt iżda dan ċertament mhux biżżejjed biex il-pussess ikun pubbliku.

Fil-fehma tal-Qorti, bl-ebda mod ma ġie muri li l-konvenuti kellhom il-pussess pubbliku tar-raba' li tmur lura tal-inqas tletin sena qabel ma ġiet intavolata l-kawża. Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża Avukat Dottor Louis Vella et vs Joseph Gatt et, tat-12 ta' April 2002:

> *"Il-prova tal-pussess trid tkun inekwivoka, u jekk ic-cirkostanzi ta' fatt jistghu jaghtu lok ghall-interpretazzjoni diversa, l-prova tal-pussess taqa'... Biex wiehed ikollu pussess "pubbliku" irid jaghmel att dominju fuqha (ez, ihawwel sigar, igib hamrija, jtella' bini, ecc), ghax, altrimenti, l-pussess ma jkunx "pubbliku". Li wiehed jiskambja korrispondenza, ma jfissirx li l-pussess hu "pubbliku". Il-ligi trid dan l-element biex min ikun interessat ikollu l-opportunita' jara x'inhu jigri fuq l-art. Jekk l-art tibqa' fl-istat li tkun, it-terz interessat ma jkunx jista' jipprotesta, ghax ovvjament, ma jkunx jaf li hemm xi hadd qed ighaddi korrispondenza fuqha. Il-ligi trid li l-pussess ikun pubbliku biex it-terz interessat ikollu l-opportunita' jikkontrolla x'inhu jigri fuq l-art tieghu; it-terz interessat jitlef l-interess tieghu fuq l-art jekk jara jew seta' jinduna x'inhu jigri fuq l-art u ma jaghmel xejn."*

Wieħed ma jridx jinsa li l-atturi u l-antekawża tagħhom baqgħu jitħallsu

l-qbiela tal-art kollha mingħand Joseph Bonnici u ma jirriżultax mill-provi li Joseph Bonnici qatt qalilhom li daħlu terzi fuq parti minnha b'dan illi l-Perit Buttigieg sar jaf b'dan biss meta xehed il-konvenut Anthony Aquilina quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' fil-proċeduri separati bejn l-atturi u l-konvenut Bonnici.

Rilevanti wkoll huwa li l-konvenuti flimkien mal-eredi l-oħra ta' Philip Aquilina ma ddikjarawx din ir-raba' fid-dikjarazzjoni causa mortis tal-imsemmi Philip Aquilina, kif ukoll illi ħadd mill-familja Aquilina qatt ma rreġistra lilu nnifsu bħala gabillott mad-Dipartiment tal-Agrikoltura u kien biss sena qabel ma ġiet intavolata din il-kawża li l-konvenut irreġistra għas-sussidju tal-Gvern.

Li kieku l-konvenuti jew l-antekawża tagħhom kellhom l-pussess tar-raba' sa minn ħamsin sena ilu, ċertament ma kienux iħallu sakemm avviċinawhom l-atturi jew l-antekawża tagħhom biex jirreġistraw ir-raba' mal-awtoritajiet.

Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trentennali wkoll qiegħda tiġi miċħuda, biex b'hekk, il-Qorti jirriżultalha li l-pussess legali vantat mill-atturi huwa ferm aqwa mill-pussess li qegħdin jippretendu l-konvenuti.

Finalment il-Qorti tqis illi l-konvenut Bonnici għandu raġun jeċċepixxi li mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri ladarba huwa qatt ma vvanta l-ebda pretensjoni fuq ir-raba' de quo ħlief titolu ta' qbiela li mhijiex il-mertu ta' dawn il-proċeduri.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Joseph Bonnici u għaldaqstant, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti Philippa u Anthony Aquilina u tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti Philippa u Anthony Aquilina b'dan illi l-atturi għandhom iħallsu l-ispejjeż tal-konvenut Joseph Bonnici.

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenuti Aquilina (13.03.2020):</u>**

5. Il-konvenuti Aquilina (Philippa hija l-omm u Anthony huwa binha) jgħidu li l-ilmenti tagħhom jikkonsistu f'<u>apprezzament ħażin tal-liġi</u> (ossia l-Artikoli 2107, 2143 u 2144 tal-Kodiċi Ċivili) u <u>apprezzament ħażin tal-</u>

provi in kwantu kien hemm nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-provi dokumentarji li juru li l-art tagħhom (7 tumoli) qatt ma kienet tifforma parti mill-art in kwistjoni (13 tumoli), u kien hemm ukoll nuqqas ta' nomina ta' perit tekniku.

6. Id-diversi punti li jagħmlu fl-aggravji tagħhom, konsistenti f'**19-il paġna** ferm dettaljati, qegħdin jiġu sintetizzati kif ġej:

***L-art tal-appellanti mhux parti mit-13-il-tomna tal-atturi:***

- L-art fil-pussess tal-appellanti Aquilina hija magħrufa bħala ta' Srina u l-imsemmija 7 tomniet dejjem kienu f'idejn ta' Aquilina.

- L-art tal-atturi tinstab aktar 'il fuq mir-raba' tagħhom.

- Ħafna raba' jmiss mal-isqaq: l-art tagħhom ma tmissx mal-isqaq ħlief għal rokna żgħira u għalhekk dan mhux indizju li l-Qorti setgħet tistrieħ fuqu.

- Il-porzjon raba' tal-appellanti hija porzjon 715 u qatt ma kienet reġistrata fuq il-Perit Buttigieg u tikkonsisti f'ħames tomniet u żewġ sigħan kif tikkonferma l-*Paying Agency* flimkien ma' partijiet mibnija.

- L-atturi jikkontendu li r-raba' tagħhom jinsab f'"Ta' Ramazzetta" u "Ta' Marċikka" filwaqt li l-appellanti jgħidu li r-raba' tagħhom huwa magħruf bħala "Ta' Srina".

- Għalkemm l-Ewwel Qorti qalet li l-art hija identifikata mill-kuntratti u pjanti, l-atturi ma ppreżentaw l-ebda kuntratti bil-pjanti magħhom.

- Kienet żbaljata l-Ewwel Qorti meta ċaħdet l-eċċezzjoni tagħhom li r-raba' fil-pussess tagħhom ma tagħmilx parti mill-art li akkwista Salvatore Giuseppe Buttigieg.

- L-appellanti għandhom raġun isostnu li r-raba' fil-pussess tagħhom (5.2.9) u tomnejn oħra xagħri – total ta' 7 tomniet - ma tiffurmax parti mill-art tal-atturi.

- It-13-il tomna in kwistjoni huma kollha f'idejn Bonnici; il-Perit Rene Buttigieg (li kien magħruf sewwa għall-għarfien tiegħu f'dawn it-tip ta' kawżi) kien fetaħ kawża biex jiżgumbrah fl-2002 fuq 13-il tomna.

***Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-atturi kellhom titolu b'saħħtu aktar minn tagħhom.***

- L-atturi ppreżentaw sensiela ta' kuntratti u *causa mortis* li l-ebda wieħed minnhom m'għandu pjanta annessa, u l-pjanti ppreżentati a fol 134 u 135 huma rregolari u d-delineazzjoni fuqhom li saret mill-atturi tindika parti tal-atturi (li hija maħduma fil-biċċa l-kbira mill-intimat Bonnici) u – intortament – l-art tagħhom.

- L-Ewwel Qorti skartat ix-xhieda kollha li jikkonfermaw il-pussess u l-ħidma tal-art in kwistjoni mill-familja Aquilina għal iktar minn 50 sena (u għal ħafna żmien aktar minn hekk, mill-insib).

- Il-Perit Rene Buttigieg qatt ma vvanta drittijiet fuq l-art tal-appellanti, li jikkonfermaw li ġie fuq l-art diversi drabi u kien jaf li mhix tiegħu tant li fetaħ kawża biss kontra Bonnici għaliex kien jaf liema kienet l-art tiegħu u li kienet tinħadem minn Bonnici.

- Tirriżulta l-preskrizzjoni akkwiżittiva favur tagħhom għall-finijiet tal-Art. 2107 u 2143. Il-provi u xhieda ta' diversi gabillotti li għandhom fuq 80 sena kkonfermaw dan il-pussess sa minn aktar minn 50 sena ilu.

**<u>Risposta tal-appell tal-atturi appellati (22.09.2020):</u>**

7. L-atturi appellati wieġbu biex jagħtu r-raġunijiet tagħhom għaliex l-appell tal-konvenuti Aquilina huwa infondat u għalfejn is-sentenza appellata timmerita konferma.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

**(a) <u>Provenjenza tal-art pretiża mill-atturi:</u>**

8. L-atturi għamlu din il-kawża sabiex jiġi dikjarat li huma sidien ta' biċċa art ta' ċirka 13-il tomna ġewwa Casal Żebbuġ, u li l-pussess tagħhom huwa aħjar minn dak tal-konvenuti.

9. Din il-Qorti jidhrilha li jkun utli li telenka s-segwenti kronoloġija ta' dokumenti relatati mal-art pretiża mill-atturi:

1955 <u>Testment</u> ta' **Mary Debono Preziosi** (xebba) fl-atti tan-Nutar Francesco Catania fejn (*inter alia*) ħalliet l-użufrutt tal-beni kollha tagħha lil ħutha xebbiet, Giuseppina u Cecilia, u lil **Salvatore Giovanni Buttigieg Debono:**

> *"…terz indiviż (1/3) tal-għalka "ta' Ramazzetta" contrada "Ta Srina", limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, li fiha cheil erbgħatax il-tomna (Tli 14) soġġetta għal pis ta' żewġ liri u ħames xelini £2.5.0. fis-sena."*

12.05.1960 Kuntratt atti Nutar John Micallef Trigona li permezz tiegħu **Salvatore Giovanni Buttigieg** akkwista mingħand iz-zijiet materni tiegħu xebbiet **Giuseppina u Cecilia xebbiet Debono Preziosi**:

> *"żewġ terzi (2/3) indiviżi in proprjeta` u l-użufrutt ta' terz indiviż tal-clausura denominata "Tar Ramazzetta" kontrada ta' Srina, limiti ta' Casal Żebbuġ, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka erbatax-il tomna u konfinanti mill-Punent ma' sqaq, mit-Tramuntana mal-beni tal-eredi tas-Saċerdot Dun Pietro Paolo Debono u minn Nofsinhar ma' triq pubblika."*

**Għalhekk ġie li Salvatore Giovanni Buttigieg akkwista sehem sħiħ tal-proprjetà "Ta' Ramazzetta", indikata li fiha 14-il tomna, mingħand l-aħwa xebbiet Debono Preziosi.**

13.02.1964 Testment ta' **Salvatore Giovanni Buttigieg** atti Nutar Giuseppe Sammut fejn ħalla bħala eredi universali tiegħu lit-tliet neputijiet (nephews): **Rene Buttigieg, Maronna Calleja, u Gaston Buttigieg.**

26.01.1966 Ġie denunzjat il-wirt ta' **Salvatore Giovanni Buttigieg** (li miet fil-25.06.1965), li jinkludi:

> *"l-għalqa ta' Ramazzotta kontrada ta' Srina, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ bil-kejl ta' cirka T14-0-0 confinanti mit-tramontana ma' beni tal-eredi tas-saċerdot Dun Pietro Debono, minn Nofsinhar ma' Wied is-Sewda, mill-Punent ma' Sqaq, imqabbla £7.10.0 fis-sena u soġġetta għal piż piju annwu u perpetwu ta' £2.0.0."*

19.09.1983 Ftehim bejn min-naħa l-waħda **Rene Buttigieg u ħutu Maronna u Gaston** u min-naħa l-oħra l-**konvenut Joseph Bonnici** fejn ġie dikjarat hekk:

> *"…is-sinjuri Buttigieg jagħtu permess lil Joseph Bonnici li jaċċetta, biex idawwar fuq ismu u iżomm bi qbiela r-raba imsejħa "Ta Ramazzotta" fil-limiti ta' Ħaż-Żebbug fil-kuntrata "ta' Wied is-Sewda" li huma kienu wirtu mingħand zijuhom Salvatore Buttigieg……Il-partijiet jaqblu illi l-qbiela sallum kienet tgħajjat lill-mejjet Antonio Buhagiar."*

07.10.1994 Kuntratt ta' diviżjoni bejn Rene Buttigieg, Maronna Calleja u wlied id-defunt ħuhom Gaston Buttigieg li permezz tiegħu s-segwenti art **messet lil Rene Buttigieg:**

> "*24. The field ta' Ramazzotta in the limits of Żebbuġ Malta measuring about fourteen thousand three hundred and twelve square metres (14,312 sq.m) that is twelve tumoli four mondelli and four misure **(12T.4S.4K**) bounded on the south by a public road, on the north partly by a country lane and partly by property of the heirs of the Reverend Pietro Paolo Debono and on the east by property of unknown persons or more correct boundaries, subject to the annual pious burthen of two Maltese liri and twenty five cents (Lm2.25) as referred to in the deed of Notary Dr John Micallef Trigona of the twelfth ($12^{th}$) May nineteen hundred and sixty (1960), that is the pious burthen imposed by the Reverend Pietro Paolo Debono by his will in the records of Notary Salvatore Borg Olivier of the tenth ($10^{th}$) March nineteen hundred and twenty (1920), said land is shaded in red on the plan document L; leased*

*at seven Maltese liri and fifty cents (Lm7.50) per annum…"*

10.08.2006 <u>Testment</u> tal-**Perit Rene Buttigieg** (atti Nutar Mario Bugeja) fejn innomina bħala werrieta tiegħu lit-tliet uliedu (l-atturi f'din il-kawża, ċjoè **Francis Buttigieg, Maria Borg Costanzi u Alessandra Kirkpatrick**).

10. L-atturi ppreżentaw pjanta biex jindikaw l-art pretiża minnhom (bil-kejl ta' 12T-4S-4K).




*Pjanta a fol 134 (l-istess bħal dik a fol 135)*

**(b) <u>Il-parti okkupata mill-konvenuti Aquilina:</u>**

11. Il-konvenut Anthony Aquilina flimkien mal-affidavit tiegħu ppreżenta pjanta **Dok X** fejn spjega li hija "*pjanta tar-raba tagħna u tas-sidien jew bdiewa tal-akkwati u jiena nafu sewwa. L-egħlieqi u r-raba tagħna jidher mmarkata bl-aħmar.*"




12. Kif wieħed jista' jara, il-parti li huwa iddelineja bl-aħmar tifforma l-parti ta' fuq tal-art li fuqha għandhom pretenzjonijiet l-atturi.

13. Anthony Aquilina jsostni li l-art immarkata bl-aħmar hija tal-familja tiegħu. Qal li ommu tiftakar lil missierha qabilha f'dan ir-raba' sa minn tfulitha. Qal ukoll li qatt ma kien hemm ħlas ta' qbiela fuq tali art.

**(c) Il-qbiela:**

14. Il-konvenut Joseph Bonnici spjega li r-raba' "ta' Ramazzetta" kien jinħadem mill-bużnannu tiegħu Pawlu Buhagiar u li meta miet, komplew jaħdmuha tnejn minn uliedu, *ossia* (i) Joseph Buhagiar u (ii) Anthony Buhagiar. Ippreċiża li l-ktieb tal-qbiela kien wieħed, u wara li miet Pawlu Buhagiar il-ktieb żammu fuq ismu Anthony b'dan li ħuh Joseph kien jgħaddilu sehmu tal-qbiela relattiva għall-parti ta' art li jaħdem hu.




*Estratt minn fol 235 (Din il-Qorti qalbet il-pjanta b'mod li wieħed ikun jista' jqabbilha iktar faċilment mal-pjanti l-oħra.)*

15. B'referenza għall-pjanta esebita minnu a fol 235 Joseph Bonnici qal li Joseph Buhagiar kien jaħdem il-parti mmarkata bl-aħdar, filwaqt li Anthony Buhagiar kien jaħdem dik immarkata bir-roża.

16. (Ħarsa lejn tali pjanta turi li l-parti immarkata bl-aħdar (li kien jaħdem Joseph Buhagiar) hija dik li l-konvenuti Aquilina huma fil-pussess tagħha u li jsostu li hija tagħhom.)

17. Il-konvenut Joseph Bonnici spjega li meta miet Joseph Buhagiar, ir-raba' li kien jaħdem (indikata bl-aħdar) għaddiet għand uliedu għalkemm ma kinux interessati jibqgħu jaħdmuha; filwaqt li meta miet Anthony Buhagiar[1], il-parti li kien jaħdem (indikata bir-roża) beda jaħdimha hu. Qal li l-ktieb tal-qbiela li kellu Anthony Buhagiar spiċċa għandu u wlied Joseph Buhagiar kienu jgħaddu s-sehem ta' missierhom (Lm3) lilu u hu kien jgħaddi l-qbiela tal-art kollha lill-Perit Buttigieg.

> *"Meta Joseph Buhagiar miet il-parti tar-raba li kien jaħdem bdew jaħdmuha t-tfal tiegħu li waħda minnhom Rosaria Galea diġa telgħet tixhed li m'għandhiex iktar interess li tibqa' taħdem il-parti tal-art li kien jaħdem missierha Joseph.*
>
> *Meta miet Anthony Buhagiar il-parti tar-raba li kien jaħdem (immarkata A roża) bdejt naħdimha jien u għalhekk il-ktieb tal-qbiela spiċċa għandi u t-tfal ta' Joseph Buhagiar bdew iħallsu Lm3 ta' sehmhom lili u mmur inħallas il-qbiela lill-perit Rene Buttigieg. Il-qbiela titħallas f' Awwissu ta' kull sena.*
>
> *Għalhekk Rosaria Galea u ħutha biss jafu kif dawn ta' Aquilina spiċċaw ġol-parti tar-raba li kien jaħdem missierhom Joseph u huma (immarkata B bl-aħdar fuq is-site plan) għax sa tlett snin ilu Rosaria u ħutha kienu għadhom ituni it-Lm3 ta' sehmhom tal-qbiela biex flimkien*

[1] Kontro-eżaminat qal li l-biċċa li ħa hu ilu jaħdimha mill-1983 minn mindu miet Anthony Buhagiar. (Fil-fatt il-ftehim tal-1983 li sar ma' Rene Buttigieg u ħutu (ara supra) jikkorobora dan.)

*mal-qbiela tiegħi immur inħallas lill-Perit Rene Buttigieg li min-naħa tiegħu dejjem għamel riċevuta. Lill-perit Buttigieg dejjem kont ngħidlu li parti mill-flus tal-qbiela kienu ta' Joseph Buhagiar u t-tfal tiegħu.*

*Wara li telgħet tixhed Rosaria Galea xi tliet snin ilu u qalet li m'għadhiex iktar interessata li taħdem il-parti tar-raba tagħhom, ma baqgħux iħallsuni it-Lm3 tal-parti tagħhom tal-qbiela.*

*Anthony u Joseph Buhagiar huma z-zijiet t' ommi u Rosaria Galea u ħutha huma kuġini t' ommi jiġifieri dan ir-raba kien baqa' jinħadem minn l-istess familja u li l-familja Aquilina ma jiġu xejn mill-familja tagħna."*

18. Alan Agius (*agricultural officer* fid-Dipartiment tal-Agrikoltura) ippreżenta s-segwenti pjanta kif ukoll dokumenti relattivi għall-plots indikati fuqha.




19. Huwa xehed fir-rigward l-art indikata minnu bl-isfar fid-dawl tad-dokumenti relattivi għall-porzjonijiet indikati fuqha. (Jiġi ppreċiżat li mill-porzjonijiet li huwa mmarka bl-isfar, dawk bin-numru 720 u 721 m'humiex

parti mill-art pretiża mill-atturi[2], filwaqt li l-plot 716[3] li huwa ma mmarkax bl-isfar u ma xehedx dwarha, tifforma parti mill-art pretiża mill-atturi, li però mhux parti mill-art okkupata mill-konvenuti Aquilina):

> *"Din l-art hija maqsuma fi plots li għandhom in-numri tagħhom. Is-720 u s-721 kienu reġistrati fuq Toni Buhagiar bin-numru tal-ktieb 135. Toni Buhagiar kien reġistrat bħala bidwi. Dawn kienu trasferiti għal fuq Joseph Bonnici fis-7 ta' Awwissu 1989. F' dak iż-żmien kien reġistrat bħala sid tal-għalqa ir-Reverendu Vincent Borg. Il-plot numru 715 li fiha 5 itmiem, 2 sigħan u kejla, dawn baqgħu fuq Toni Buhagiar u s-sid dak iż-żmien kien sisters Debono Preziosi. Is-719P u t-35P li jammontaw għal 7 itmiem 4 sigħan u 4 kejliet, 4 itmiem minnhom daru fuq Patrick Bonnici fis-26 ta' Ottubru tal-1983. Il-kumplament baqgħu fuq Toni Buhagiar. Is-sid kien ukoll reġistrat bħala sisters Debono Preziosi jiġifieri kellhom kollha l-istess sid. Is-719P u t-35P li kien daru fuq Patrick Bonnici reġgħu daru fuq Joseph Bonnici fit-12 ta' Ġunju tal-1987. Is-sid hawnhekk kien sar Rene Buttigieg minn Ħal Balzan. Is-715 baqgħet dejjem fuq Toni Buhagiar. Is-715 ukoll kienet reġistrata ukoll f' isem sisters Debono Preziosi. Is-720 u s-721 inbidel is-sid u saru tal-Joint Office. <u>Mela s-715 proprjeta` ta' sisters Debono Preziosi u din fiha 5 itmiem, 2 sigħan u kejla. Is-719P u t-35P ukoll sisters Debono Preziosi. Dawn flimkien għandhom 7 itmiem, 4 sigħan u 4 kejliet jiġifieri l-aħwa Debono Preziosi kellhom flimkien mat-13-il tomna."</u>*

**(d)** **<u>L-ewwel aggravju</u>**: *li r-raba' okkupata mill-appellanti Aquilina mhux parti mill-art tal-atturi*

20. Minn dak kollu li jirriżulta mis-suespost, din il-Qorti ssib li dan l-aggravju huwa kompletament bla bażi.

21. Mix-xhieda ta' Alan Agius mid-Dipartiment tal-Agrikoltura jirriżulta li l-art okkupata mill-konvenuti Aquilina u li jippretendu li hija tagħhom

---

[2] Joseph Bonnici fix-xhieda tiegħu spjega li l-porzjonijiet 720 u 721 m'għandhomx x'jaqsmu ma' din il-kawża u huma tal-Joint Office. Qal li tali porzjonijiet 720 u 721 jaħdimhom hu u r-riċevuta tal-Joint Office toħroġ fuqu.

[3] Joseph Bonnici fix-xhieda tiegħu qal li l-porzjon 716 jaħdimha hu ukoll

tifforma parti mill-art li kienet tal-aħwa (sisters) Debono Preziosi, l-awturi fit-titolu tal-atturi. Jirriżulta wkoll li Antonio Buhagiar, imbagħad il-konvenut Joseph Bonnici kienu l-gabillotti reġistrati.

22. Fil-fatt fl-ittra uffiċjali indirizzata lill-konvenuti Aquilina, ippreżentata fit-3 ta' Lulju 2012 (2084/2012) l-atturi rreferew għall-art okkupata minn Aquilina (u pretiża minnhom skont ma xehdu fil-kawża ta' quddiem il-Bord li Jirregola l-Kiri tar-Raba 8/2002/FD) bħala li tifforma parti mill-art tagħhom li kienet oriġinarjament imqabbla lil Antonio Buhagiar magħruf bħala ta' Marcikka u li sussegwentement ġiet imqabbla lil Joseph Bonnici.

23. Kif spjega l-konvenut Joseph Bonnici, għalkemm il-gabillotti reġistrati fuq l-art pretiża mill-atturi kienu Antonio Buhagiar u eventwalment hu stess, il-parti li Aquilina jgħidu li hi tagħhom kienet tinħadem minn Joseph Buhagiar u dan kien joħroġ sehmu għall-qbiela, u wara li miet baqgħu joħorġu sehmu uliedu, li imbagħad ma kinux interessati fiha.

**(e)** **<u>It-tieni aggravju</u>**: *li kellha tirriżulta l-preskrizzjoni akkwiżittiva trentennali favur l-appellanti Aquilina*

24. Il-konvenuti appellanti isostnu li l-art okkupata minnhom ilha fil-pussess tagħhom għal iktar minn 30 sena; addirittura jgħidu li ilha

għandhom fuq 50 sena. Jaċċennaw għad-diversi xhieda li xehdu f'dan ir-rigward u għall-fatt li l-perit Rene Buttigieg kien jaf li mhix tiegħu tant li fetaħ kawża quddiem il-Bord li jirregola l-Kiri tar-Raba kontra Bonnici biss għaliex kien jaf liema kienet l-art tiegħu u li kienet tinħadem minn Bonnici.

25. Kwantu għall-fatt li fl-2002 il-Perit Rene Buttigieg kien għamel kawża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kiri tar-Raba' (8/2002)[4] kontra Joseph Bonnici biss ma jfisser xejn, għaliex ladarba Joseph Bonnici kien il-gabillott li kellu l-ktieb u li fuqu kienet tidher il-qbiela, jekk Buttigieg ried li jitterminalu l-qbiela bil-fors li kellu jagħmel kawża kontrih biss (anke jekk nofs il-qbiela li kien iħallas lil Buttigieg kien jiġborha mingħand ulied Joseph Buhagiar). Iben il-Perit Rene Buttigieg, l-attur Franco Buttigieg spjega li missieru kien fetaħ il-kawża kontra Joseph Bonnici għaliex dan tal-aħħar kien qed iqabbel parti mill-għalqa lil terzi u kienet qed tintuża għall-kaċċa u mhux għal skopijiet agrikoli. Qal li waqt il-kawża quddiem il-Bord, il-konvenuti Aquilina bdew jivvantaw drittijiet proprjetarji fuq tali parti tal-art u kien għalhekk li fetħu l-kawża odjerna. Żied jgħid li ma jistax jifhem kif il-konvenuti Aquilina qed jippretendu li l-art hija tagħhom; jgħid li jekk għandhom xi titolu dan huwa ta' sullokazzjoni llegali għaliex mhux awtorizzata mis-sidien imma mogħtija lilhom mill-konvenut Joseph Bonnici.

[4] Din il-kawża marret *sine die* fl-24.10.2012, riappuntabbli fi żmien tliet xhur minn meta l-kawża odjerna (1051/2012) tiġi *res judicata*.

26. Kwantu għall-fatt li hemm diversi xhieda li jgħidu li jafu lil ta' Aquilina fil-parti ta' art in kwistjoni, inkluż familjari tal-istess Aquilina, dan qisitu sew l-Ewwel Qorti iżda fir-rigward ta' Leli Mizzi, missier il-konvenuta Philippa, osservat li x-xhieda kienu sempliċiment jgħidu li kien imur jonsob u mhux jagħmel atti ta' dominju. Qieset kif il-konvenuti jikkontendu li meta l-konvenuta Philippa żżewġet lil Philip Aquilina, illum mejjet, bdew jaħdmu l-art flimkien u li meta kibru, uliedhom (ċjoè l-konvenut Anthony Aquilina u ħutu) komplew jaħdmu r-raba' mal-ġenituri u għadhom jaħdmuha sa llum. Madanakollu l-Ewwel Qorti ma kinitx sodisfatta li Philippa u żewġha kellhom il-pussess li titlob il-liġi għall-akkwist bil-preskrizzjoni trentennali qabel ma daħlu fix-xena wliedhom, ċjoè l-konvenut Anthony Aquilina u ħutu. Fil-fatt qieset ukoll li l-ebda wieħed mir-ritratti esebiti ma jmur lura 30 sena għaliex il-konvenut stess spjega li l-kamera li biha kien ħa r-ritratti kienet inxtrat fl-1990. *"…ir-ritratti kollha ttieħdu mill-ewwel camera li kelli jiena li kont xtrajtha fis-sena 1990".*

27. Però iktar minn hekk qieset ukoll kif l-atturi u l-ante kawża tagħhom baqgħu jitħallsu qbiela fuq din l-art mingħand il-gabillott Joseph Bonnici. Anke jekk l-attur <u>Franco Buttigieg</u> sostna li l-art tagħhom dejjem ġiet imqabbla fl-intier tagħha u ma kienet bl-ebda mod diviża, filwaqt li <u>Joseph Bonnici</u> xehed li kien għarraf lill-Perit Rene Buttigieg li parti mill-flus tal-qbiela kienu ta' wlied Joseph Buhagiar, <u>jibqa' l-fatt li Joseph Bonnici kien jiftakar lil Joseph Buhagiar f'dik il-parti okkupata minn ta' Aquilina</u>, tant li

xehed li ma jafx kif daħlu hemm ta' Aquilina: "*Għalhekk Rosaria Galea u ħutha biss jafu kif dawn ta' Aquilina spiċċaw ġol-parti tar-raba li kien jaħdem missierhom Joseph"* u żied jgħid li baqgħu jgħaddulu l-qbiela relattiva għal dik il-parti *"sa tliet snin ilu."*[5] Rosaria Galea fil-fatt xehdet li hi u oħtha kienu jħallsu Lm1.50 kull wieħed qbiela (Lm3 b'kollox) u kienu jgħadduhom lil xi kuġina miżżewġa Bonnici. Qalet li l-għalqa kien ilu jaħdimha missierha s-snin, u li meta mietet ommha ma kinitx taħdimha u hi ma kinitx interessata fl-art. Għalkemm Joseph Buhagiar, missier Rosaria Galea, jidher li miet fl-aħħar tas-sebgħinijiet[6] Joseph Bonnici xehed li l-art in kwistjoni għamlet snin ma tinħadimx imbagħad fl-1997 beda jara lil ta' Aquilina fiha :

> *"Oriġinarjament il-proprjeta` kienet biċċa waħda u qasmuha z-zijiet bejniethom. Mill-biċċa li naħdem jien nista' nara min qed juża l-biċċa l-oħra. Lil ta' Aquilina kont narahom jien fuq l-art. Bdejt narahom minn xi l-1997. Bqajt niftakar dik is-sena għax dak iż-żmien kien qed juggħani dahri. Naf li qabel dak iż-żmien kienet għamlet żmien ma tinħadimx, snin. Il-kuġini kienu jagħtuni Lm3 u jiena nħallas is-Lm7 u nofs regolarment. Kiteb wieħed hemm peress li oriġinarjament kienet għalqa waħda. Il-ktieb ġie għandi mingħand Anthony Buhagiar li kien ġuvni u li kien żammu għandu. Jiena kont inħallas il-qbiela lill-perit Rene Buttigieg. Is-sinjuri Aquilina ma jigux minna. Jiena ma nafx kif ħadu l-art f' idejhom huma…..Il-qbiela li kont nirċievi mingħand Rosaria Galea kienet għal dik l-art illum okkupata minn Aquilina u li qabel kien jaħdimha missierha, cioe` missier Rosaria Galea."*

28. Kif anke jenfasizzaw l-atturi appellati fir-risposta tal-appell tagħhom, l-*aerial photos* tas-snin 1967 u 1978 juru kif l-art kienet qiegħda tinħadem (dak iż-żmien minn Joseph Buhagiar), filwaqt li dawk tas-snin 1988 u 1994 juru art mhux maħduma. Dan jikkorrobora ma' li xehed

[5] Dan qalu fix-xhieda mogħtija minnu fl-2016
[6] Meta xehdet fl-2014 qalet li ilu mejjet 35 sena

Joseph Bonnici li wara l-mewt ta' Joseph Buhagiar l-art għamlet snin ma tinħadimx, sakemm imbagħad daħlu fiha ta' Aquilina.

29. Rilevanti wkoll huwa l-fatt li l-art ma ġietx denunzjata minn ta' Aquilina. Fix-xhieda tagħha l-konvenuta Philippa Aquilina xehdet li wara li miet missierha Emanuel Mizzi "*Aħna ma niżżilniex l-art ta' Ramazzetta għax tahielna f' ħajtu*"; imbagħad fix-xhieda tiegħu l-konvenut Anthony Aquilina qal li l-art dejjem jafha ta' missieru (Philip Aquilina). Qal li kien qalilhom li "*ma hemm xejn li juri li hi tagħna però jekk kienet ilha f'idejna tiġi awtomatikament tagħna".* Mistoqsi tniżżlitx fil-*causa mortis* wara li miet missieru, wieġeb li ma jafx, però sussegwentement ippreżenta kopja tal-*causa mortis* ta' missieru fejn jirriżulta li fil-fatt ma ġietx iddikjarata.

30. *In oltre* kif anke osservat l-Ewwel Qorti, ta' Aquilina qatt ma kienu reġistrati bħala gabillotti fuq l-art in kwistjoni mad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Dwar dan il-konvenut Anthony Aquilina xehed li "*Ma kellniex għalfejn nirreġistrawha mal-Għammieri. Jien l-prodott tal-għalqa nbiegħu.*" Qal li huwa kien irreġistra mal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali sabiex jieħdu s-sussidju, fl-2001. Mario Bajada mill-Agenzija però fix-xhieda tiegħu kkonferma li fir-rigward tal-art in kwistjoni (delineata fuq id-dokument a fol 153) Anthony Aquilina beda jitlob il-pagamenti fl-2011 (ċjoè sena qabel ma nfetħet din il-kawża).

31. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti tikkondividi l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-konvenuti Aquilina ma ppruvawx li għamlu pussess *animo domini* fuq l-art in kwistjoni bil-mod li trid il-liġi mill-1982. Din il-Qorti ssib li hija fil-fatt verosimili t-teżi tal-atturi appellati li wara l-mewt ta' Joseph Buhagiar l-art għamlet żmien abbandunata sakemm imbagħad daħlu jokkupawha l-konvenuti Aquilina.

32. Għalhekk dan l-aggravju jirriżulta wkoll infondat.

**DECIDE:**

33. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-konvenuti Aquilina u tikkonferma s-sentenza appellata.

34. L-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu mill-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr